KUNSILL LOKALI
IS-SIĠĠIEWI
Città Ferdinand

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi

IT-TMIEN LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 474 (9-17)

It-Tnejn 7 ta' Lulju 2025 fis-6.00 ta' filgħaxija

Il-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi ltaqa' fiċ-Ċentru Ċiviku tas-Siġġiewi li jinsab fl-indirizz 18, Pjazza San Nikola, is-Siġġiewi.

PREŻENTI:

Is-Sindku Julian Borg
Il-Viċi Sindku Ryan Cachia
Il-Kunsillier Christopher Farrugia
Il-Kunsillier Francine Farrugia
Il-Kunsillier Dominic Grech (ħareġ mil-laqgħa fit-8.34pm)
Il-Kunsillier Albert Pace (ħareġ mil-laqgħa fit-8.20pm)
Il-Kunsillier Charles Vassallo

ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

ASSENTI

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Ritienne Giorgino – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

**474.1** **Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**474.1.1** Ma kienx hemm ittri t'apoloġija.

**474.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Inqraw il-Minuti tas-Seduta 473. Is-Sindku ressaq il-Minuti għall-approvazzjoni. Il-Kunsillier Christopher Farrugia ssekonda. Il-Kunsill approva il-Minuti bħala dokument korrett.

**474.2.1** **Punti li joħorġu mill-Minuti**

473.3.1 Is-Sindku informa li ġiet mibgħuta l-applikazzjoni għall-arranġamenti kif spjegat. Hu qal li iktar kmieni din il-ġimgħa f'laqgħa ma' Transport Malta ġiet spjegata din l-applikazzjoni u diskussi punti biex it-triq (junction) tkun iktar sigura għas-sewwieqa. Huwa qal li din il-junction tgħaqqad 3 konfini, is-Siġġiewi mar-Rabat u Ħaż Żebbuġ.

**474.3** **Komunikazzjoni mis-Sindku**

**474.3.1** Laqgħa ma' Transport Malta

Is-Sindku qal li matul laqgħa mal-uffiċjali ta' Transport Malta fejn kienu preżenti wkoll il-Viċi Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv, ġiet diskussa l-proposta tat-traffiku tal-Pjazza u Triq San Ġakbu u l-Knisja l-Qadima, fejn ġew diskussi diversi emendi. Is-Sindku qal ukoll li ż-żewġ zebra crossings li jagħtu għaz-zuntier kellhom jinteħħew peress li dawn ma jiġux approvati mic-CRPD minħabba t-taraġ. Qal li ġie diskuss ukoll it-timed parking quddiem Dar Ommna Marija u t-tabella għal hawker tas-Sibt biex tiġi evitata l-problema tal-okkupazjoni fil-ġranet l-oħra. Hu qal li kien hemm xi tibdiliet oħra minimi. Is-Sindku qal li qed isiru l-emendi indikati mill-Perit, inkluż fit-toroq imsemmija biswit ħalli terġa tgħaddi għand l-awtorita' għall-approvazzjoni.

**474.3.2** Is-Sindku qal li l-uffiċjali ta' Transport Malta semmew il-periklu fil-junction ta' Triq is-Siġġiewi ma' Triq Papa Pawlu VI (quddiem il-ħanut Dolce Miele). Is-Sindku qal li meta saru ix-xogħolijiet minn IM, kien hemm tentattiv biex issir roundabout u ssemmew diversi opzjonijiet iżda ma saritx minħabba li biex tkun approvata kellhom jitneħħew numru ta' parkeġġi. Is-Sindku propona li ssir konsultazzjoni ma' Transport Malta biex tinstab l-aħjar soluzzjoni mingħajr ma jintilef parkeġġ. Il-Kunsill unanimament qabel.

**474.3.3** Rotta tat-Trasport Pubbliku

Is-Sindku qal li fl-aħħar xhur kien hemm komunikat mal-Awtorita' tat-Trasport Pubbliku biex tibda topera rotta ġdida bi qbil mal-Kunsill. Hu qal li fit-30 ta' Ġunju kien hemm laqgħa fuq il-post fejn ġiet pruvata r-rotta u anka kien hemm qbil fejn ġejjin il-bus stops. Is-Sindku qal li l-Kunsill għadu qed jistenna komunikat uffiċjali fuq data ta' meta din ir-rotta ser tibda topera, iżda minkejja dan, sar tħabbir mill-Ministru li r-rotta ser tibda l-Ħadd li ġej. Is-Sindku qal li r-rotta l-ġdida u l-ħinijiet ġew aġġornati fuq l-app tallinja. Is-Sindku qal li l-permess li bħalissa hemm xogħolijiet estensivi tal-Enemalta għaddejjin fil-bypass tas-Siġġiewi, din ir-rotta ma tistax tiġi implimentata u għalhekk isiru id-devjazzjonijiet skont il-bżonn tax-xogħolijiet.

**474.3.4** Bus Shelters

Is-Sindku qal li l-kwistjoni tal-bus shelter twalet wisq. Hu qal li fl-aħħar laqgħa mal-kumpanija Faces, ġie indikat li qed isiru bi preċedenza skond l-ammont ta' nies li jużaw l-istage. Hu qal li din ma tagħmilx sens u ma tistax tqabbel is-Siġġiewi ma lokalitajiet oħra, iżda dan ma jfissirx li m'hemmx bżonn li jsiru.

Is-Sindku qal li l-Kunsill diġà lesta survey tal-bus shelters quddiem id-Dar tal-Providenza biex tingħata prijorita'. Hu talab li ssir laqgħa mal-Faces u l-AKL u jiġu mistednin il-Kunsilliera. Sadanittant, beda l-proċess biex issir l-applikazzjoni għad-DNO mal-Awtorita' tal-Ippjanar.

**474.3.5** Ġbir ta' skart mill-Binja Silvio Parnis
Is-Sindku qal li hemm kwistjoni dwar il-ġbir ta' iskart mill-binja Silvio Parnis, li suppost kienet pjanata 'collection point' għall-iskart iżda dan ma sarx. Is-Sindku qal li l-Kunsill qed insegwi mal-Amministrazzjoni tal-Binja u anka r-Reġjun biex dawn isibu soluzzjoni, u jekk kien hemm nuqqas fl-ippjanar, għandhom isolvuha.

**474.3.6** Bankina fi Triq Nikola Mangion
Is-Sindku iċċirkola approvazzjoni ta' bankina minn Transport Malta fi Triq Nikola Mangion, Referenza 09/TMD/24/39 datata 28 ta' Marzu 2025. Hu qal li l-applikazzjoni saret minn Infrastructure Malta u l-Kunsill ġie kkupjat biss bl-approvazzjoni, indirizzata lic-CEO is-Sur Steve Ellul, u qatt ma ġie kkonsultat fil-proċess. Is-Sindku qal li jekk tikkunsidra l-wisa' tal-karreġġata, u l-wisa' ta' bankina standard ta' metru, jibqa' spazju adekwat għall-parkeġġ u għalhekk ma jintilfux parkeġġi. Hu qal li inqalgħu ħafna spekulazzjonijiet lejn il-Kunsill fuq il-midja soċjali u ċċara l-pożizzjoni tal-kunsill.

**474.3.7** Ċirkolari 03/2025 – Allowances għall-Presidenti tal-Kunsilli Reġjonali, President tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali, Sindki, Viċi Sindki, Kunsilliera Lokali
Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li permezz tal-Avviż Legali 109 tal-2025 dwar l-emendi li jirregolaw l-allowances, iż-żieda ta' elf ewro kif imħabbra qed tidħol fis-seħħ mill-1 ta' Jannar 2025. Iċ-ċirkolari tgħid li dawn il-fondi ser jiġu allokati addizjonalment iktar tard din is-sena.

**474.4** **Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

**474.4.1** Ftehim mas-Siġġiewi Football Club
Il-Kunsillier Christopher Farrugia infurma li l-Kumitat tas-Siġġiewi Football Club jixtieq jiltaqa' mal-Kunsill. Is-Sindku propona is-17 ta' Lulju 2025 f'nofsinhar.

**474.4.2** Il-Kunsillier Charles Vassallo qal li hemm problema ta' sigurta' u aċċessibilta' fi Triq it-Tabib Nikola Zammit fil-parti ħdejn ir-roundabout tal-monument. Hu qal li qed jipparkjaw vetturi fil-kantunieri li jostakolaw it-traffiku li jdur mar-roundabout speċjalment vetturi kbar. Issuġġerixxa li jsiru double yellow lines mal-kantunieri fejn hemm il-ħanut Kevin's u faċċata.

**474.4.3** Il-Kunsillier Christopher Farrugia talab biex jitnaddaf it-taraġ li hemm fi Triq Mons F.X. Mangion wara l-open gym u li jinżel f'Wied Hesri. Qal li hemm bżonn manutenzjoni tal-apparat tal-gym u s-safety flooring. Qal ukoll li hemm blind spot fil-kantuniera ta' Triq Nikola Bonello fejn hemm il-boundary wall tal-binja. Is-Sindku qal li bħalissa hemm applikazzjoni pendenti ta' skema biex jinbidel l-apparat u l-flooring u jsir upgrade fil-gym, kif kien approvat f'Seduti preċedenti.

**474.5** **Aġġornament – Dekasteri u responsabbiltajiet**

**474.5.1** Il-Viċi Sindku qal li l-ħarġa kulturali għal Filfla hija fully booked. Hu qal li kien hemm domanda kbira għal din il-mawra. Hu informa li n-niċċa ta' San Ġwann Evangelista fi Triq San Nikola tniżżlet minn postha biex tiġi evalwata l-ħsara. Hu qal li malli intmesset tmermret u kienet appik li taqa'. Ir-restawratur qed jevalwa x-xogħol li hemm bżonn biex ikun jista' jagħtina stima. Hu irringrazzja lir-restawratur Melvin Gauci u lill-Kunsillier Dominic Grech li flimkien qed jaħdmu fuq il-preservazzjoni ta' dan il-wirt kulturali.

474.5.1.1 Il-Kunsillier Christopher Farrugia staqsa dwar il-mawra ta' Filfla, u qal li l-AŻAD hija Aġenzija Politika u ma jaqbilx li l-Kunsill jagħmel attivitajiet affiljati ma' aġenziji politiċi. Hu qal li dan imur kontra kodiċi ta'etika. Qal li diversi nies ikkuntatjawh li kienu interessati jattendu iżda minħabba dan ma bbukjawx. Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv tispjega. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li saret riċerka fuq min jipprovdi ġiti għal Filfla. Minn informazzjoni, anka mir-Reġjun Punent, dgħajjes li jersqu fit-territorju minħabba protezzjoni hemm bżonn diversi permessi speċjali u liċenzji u huma tnejn biss li għandhom ir-rekwisiti għal dawn it-tours, filfatt il-Heritage Malta u l-Ażad. Hija qalet li l-Heritage Malta kellhom ġiti bil-lejl, mentri l-Ażad kellhom diversi dati disponibbli, u l-prezz ta' l-Ażad kien irħas. Għalhekk intagħżlet l-iktar offerta vantaġġjuża.

474.5.2 Il-Viċi Sindku kompla jgħid li qed jagħmel l-arranġamenti mal-Presipista Brian Cachia għall-kors tal-presepji, iffinanzjat mir-Reġjun Punent. Id-dettalji jinħarġu dalwaqt. Qal li l-ħidma għall-organizzazjoni ta' festa għeneb għaddejja ġmielha u rringrazja lill-voluntiera tal-ħin tagħhom għad-diversi laqgħat ta' preparazzjoni.

474.5.3 Il-Kunsillier Francine Farrugia qalet li l-aħħar xahar kienet indisposta u għalhekk kienet limitata ħafna. Hija qalet li l-korsijiet tas-Sajf bdew u mexjin tajjeb, u fetħu l-bookings għall-korsijiet tal-Lifelong Learning. Qalet ukoll li ser jiġu introdotti is-sezzjonijiet ŻanŻan kelma u li qed taħdem mal-Viċi Sindku fuq inizjattiva edukattiva kulturali.

474.5.4 Il-Kunsillier Charles Vassallo semma c-cctv ta' Triq l-Imdina u qal li qed ikollna ħafna rapporti dwar vetturi li jitilgħu wrong side. Hu qal li hemm mistoqsijiet mill-pubbliku jekk filfatt hix operattiva u kkonferma li din il-camera hija operattiva u ittieħdu passi fuq diversi każi mill-pulizija u anka mil-LESA, anke hemm każ il-Qorti dwar sewqan perikoluż. Rigward indafa rurali qal li erġajna qbadna r-ritmu wara l-attivitajiet tal-mixgħela u l-festa u t-tindif qed jimxi skont l-iskeda. Hu qal li qed isir koordinament dwar tindif għall-attivita' li jmiss ta' festa Għeneb. Hu qal li fid-dikasteru anzjani sar seminar dwar id-dementia u l-festin fl-okkazjoni tal-festa fejn l-attendenza kienet waħda tajba ħafna.

474.5.5 Il-Kunsillier Albert Pace qal li twaħħlu l-bankijiet ġodda mill-Awtorita' tat-Turiżmu u s-shower fil-bajja. Hu qal li saret tabella mill-Kunsill biex ma jintużax sapun. Huwa qal li d-Dipartiment tax-Xogħolijiet Pubbliċi infurzaw in-netting f'Għereq Miżun, u li fix-xitwa pjanat li jsir il-proġett ta' tneħħija tal-blat perikoluż minn mal-irdum u mill-baħar u tal-moll. Hu qal li ser jibqa' jsegwi sakemm dan isir. Il-Kunsillier Pace qal li qed isegwi wkoll ma' Ambjent Malta sabiex jitnaddaf it-taraġ ta' Għar Lapsi u diġà inħareġ il-permess neċessarju mill-ERA. Hu qal li flimkien mal-Kunsilliera Christopher Farrugia u Dominic Grech kellhom laqgħa mal-Ministru tal-Ambjent l-Onor. Miriam Dalli fejn ġew diskussi t-taraġ ta' Lapsi u l-Buskett fost oħrajn. Hu qal li t-trasport pubbliku għall-Għar Lapsi qed jaħdem regolari u jintuża frekwentement mill-pubbliku. Huwa qal li qed isegwi l-andament tal-Proġett Vjal Kulħadd mas-Sindku.

474.5.6 Il-Kunsillier Dominic Grech saqsa jekk hemmx xi żvilupp fuq it-talba li għamel lill-Kunsill biex isiru l-ID cards fil-lokal. Is-Sindku wieġeb li r-risposta kienet li jinġabru biss mill-uffiċċju distrettwali tas-servizz.gov, u talbu biex jekk hemm xi ħadd vulnerabbli jagħmel kuntatt dirett mal-uffiċċju tal-ID Cards biex jagħmlulu xi arranġamenti. Huwa semma talba ta' residenti ta' Triq Annabelle Vassallo għal Traffic calming measure, mera tat-traffiku u refreshing tal-istop sign. Il-Kunsillier Grech staqsa jekk wara il-proġett tal-Enemalta li għaddej bħalissa fil-bypass hux ser jibda Vjal Kulħadd u jekk għandniex id-diżinn finali. Is-Sindku wieġeb li d-disinn finali qed jiġi diskuss ma' IM fejn wara issir laqgħa ta' konsultazzjoni pubblika. Is-Sindku qal li l-laqgħa ma' Infrastructure Malta hija miftehma għas-16 ta' Lulju f'nofsinhar u min jixtieq jista' jattendi. Il-Kunsillier Grech qal li fil-Wied ta' Manduca fejn kien sar taħwil ta' siġar, kellhom isiru barriers tal-injam u tiswija ta' retaining walls li kienu ġarrbu ħsara waqt ix-xogħolijiet ta' tindif tal-wied minn Project Green.

| | | |
|---|---|---|
| **474.6** | **Aġġornament – Proġetti infrastrutturali u inizjattivi** |

**474.6.1** Reading Garden
Is-Sindku nforma li l-ftehim qed jiġi rivedut. Hu qal li intalab ukoll biex jiġi inkluż l-isem tal-ġnien kif approvat mill-Kunsill, Ġnien il-Qari Fr. Nicholas Cachia. Is-Sindku qal li ser issir laqgħa on site mal-Project Green u l-Kuntrattur biex ikun jista' jiġi kkoordinat il-bidu tax-xogħol.

**474.6.2** Bankini mid-Dipartiment tax-Xogħolijiet
Is-Sindku informa li x-xogħol tal-bankina fi Triq Dun Manwel Zammit ser jitkompla f'nofs Lulju. Hu qal li meta titlesta din, jibda x-xogħol fi Triq il-Qiegħa u t-toroq biswit. Il-Kunsilliera Francine Farrugia staqsiet jekk hux ser isiru l-bankini fit-toroq fejn qed isir trinkar. Is-Sindku wieġeb li huwa natura ta' xogħol totalment differenti.

**474.6.3** Toroq rurali minn Infrastructure Malta b'findi ewropej
Triq tal-Girgenti
Is-Sindku informa li hemm dewmien esaġerat it-triq tal-Girgenti fejn ilha maqlugħa żmien twil b'detriment għall-bdiewa li m'għandhomx aċċess għall-għelieqi. Hu qal li kellu laqgħa mal-awtoritajiet li taw il-kelma li din ser titkompla imminenti.

**474.6.4** Triq Santu Kristu tal-Għolja
Is-Sindku informa li x-xogħol f'din it-triq miexi ser, għaddew il-pajpijiet, ingħata l-konkos u saru il-water catchments b'koordinament mal-bdiewa, u fadal li jingħata l-wiċċ.
Triq il-Wied tal-Lewża
Is-Sindku infurma li beda l-iscarifying. Hu qal li hemm talba mill-bdiewa biex jitgħaddew il-mains tas-servizzi iżda dan ma kienx inkluż fil-proġett.

**474.6.5** Toroq rurali mid-Dipartiment tax-Xogħolijet Pubbliċi
Is-Sindku informa li t-toroq rurali parti minn trejqa fi Triq it-Tiġrija u Sqaq Bur il-Kbir tlestew u ġew miksija bil-konkos.

**474.6.6** Triq l-Għaqba
Is-Sindku informa wkoll li l-parti ta' ġewwa ta' din it-triq għandha tingħata bil-konkos. Hu qal li għandu jsir kuntatt mal-bdiewa rigward water catchments.

**474.6.7** Proġett LESA
Is-Sindku qal li tlestew ukoll il-line markings fit-triq kollha għal aktar sigurta', tlestew ukoll iz-zebra crossings u żdiedu diversi tabelli tat-traffiku u mirja jew tbiddlu dawk f'kundizzjoni ħażina, sar patching fejn kien hemm bżonn, u bħalissa għaddej xogħol ta' manutenzjoni ta' partijiet mill-bankina.

**474.6.8** Lattrini pubbliċi

**474.6.8.1** Lattrina tal-Pjazza
Is-Sindku infurma li l-manutenzjoni tal-lattrina tal-pjazza tlesta mill-ħaddiema tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali taħt skema li l-Kunsill applika għaliha. Issa qegħda f'kundizzjoni aċċettabbli biex tkun miftuħa u tiġi utilizzata. Hu qal li l-kuntratt tat-tindif qed jiġi evalwat u għandu jingħalaq fil-ġimgħat li ġejjin. Is-Sindku qal li l-applikazzjoni għall-proġett ġdid qiegħed għand l-Awtorita' tal-Ippjanar.

**474.6.8.2** Lattrina tal-Girgenti
Is-Sindku informa li x-xogħol mid-Dipartiment tax-Xogħolijiet wasal fl-aħħar fażijiet u hu previst li jingħalaq fl-aħħar ta' Lulju, biex imbagħad isir il-proċess ta' claim għall-fondi mill-iskema tar-Reġjun.

**474.6.9** Xogħolijiet tal-Enemalta fi Triq Mons Mikiel Azzopardi

Is-Sindku qal li f'ġimgħa ingħalqu ix-xogħolijiet ta' l-ewwel fażi, u minn għada tibda' t-tieni fażi. Hu qal li kontemporanjament għaddej ix-xogħol fiż-żona tal-Kirċippu. Hu qal li qed jikkoordina mal-kuntrattur u mal-Enemalta rigward devjazzjonijiet u biex ikun hemm tabelli adegwati. Qal ukoll li qed jitilgħu notifika fuq is-social media tal-kunsill biex kemm jista' jkun il-pubbliku jkun infurmat. Hu qal li immedjatament wara dan ix-xogħol, jibda l-proġett Vjal Kulħadd, li jinkludi wkoll bdil fis-servizzi ta-drenaġġ. Is-Sindku qal li bħalissa l-ħruġ ta' permessi għal xogħolijiet speċjalment għeluq ta' toroq huwa limitat ħafna ħalli ma nżidux inkonvenjent, u qed jikkoordina mal-amministrazzjoni.

**474.6.10** Skeda ta' xogħolijiet f'toroq residenzjali – Infrastructure Malta

Is-Sindku qal li x-xogħol fi Triq Blat il-Qamar li kien skedat fl-ewwel kwart tas-sena ma twettaqx. Hu qal li minħabba ix-xogħolijiet għaddejjin bħalissa f'diversi toroq Mhux opportun li nibdew xogħol ieħor u wkoll ma tistax tingħalaq. Is-Sindku propona laqgħa ma' Infrastructure Malta biex jiġi diskuss il-pjan tax-xogħolijiet.

**474.6.11** Iktar komunikazzjoni mar-residenti

Is-Sindku qal li bħala mezz ieħor ta' komunikazzjoni mar-residenti, ġie krejat whatsapp channel fejn jintbagħtu avviżi mill-Kunsill. F'dan ic-channel, il-pubbliku ma jkunx jista' jikkummenta.

**474.7** **Mozzjoni – Studju dwar il-Kapaċità ta' Tolleranza ta' L-Iżvilupp – 'Carrying Capacity'**

Mozzjoni proposta mis-Sindku Julian Borg.
Isskondata mill-Viċi Sindku Ryan Cachia.

Is-Sindku qara l-Mozzjoni

Mozzjoni:
*Dan il-Kunsill ghandu jara li mill-aktar fis possibbli jsir studju dwar il-carrying capacity fil-lokalita sabiex minnu johrog dawn ir-rizultat hawn taħt imsemmija:*

*Definizzjoni:*
*"Studju dwar il-'Carrying Capacity"' huwa essenzjali għal kull lokalita' sabiex jevalwa u jiddetermina kemm il-lokalita' tiflaħ għal żvilupp, popolazzjoni jew attivitajiet oħra li ikunu jistghu jibqghu jsiru b'mod sostenibbli, mingħajr ma tagħmel ħsara lill-ambjent, l-infrastruttura jew il-kwalità tal-ħajja tar-residenti. L-istudju tal-carrying capacity jitkellem ukoll fuq il-massimu li raħal jew belt tista' tilħaq qabel ma tibda tiddeterjora u ssir insostenibbli.*

*Għanijiet tal-Istudju:*
- *Biex siru studji tal-'Carrying capacity' għal lokalità li permezz tiegħu jiġu żgurati l-investimenti infrastrutturali meħtieġa għal-lokalità għas-snin li ġejjin.*
- *Biex jiġu informati l-awtoritajiet tal-ippjanar u allura jiġu aġġornati l-policies neċessarji.*
- *Biex jiġi evitat żvilupp żejjed li jwassal għal degradazzjoni ambjentali;*
- *Biex jinkiseb bilanċ bejn tkabbir ekonomiku u sostenibbiltà ekoloġika u soċjali.*
-

*Parametri Ewlenin li għandhom jiġu Analizzati:*
*Kapaċità Ambjentali – inkluz iżda mhux limitat għal:*
- *Provvista tal' ilma*
- *Maniggjar tal-iskart (eż. Drenaġġ)*
- *Kwalità tal-arja*
- *Żoni ħodor u jew kosti li joffru kwalita' ta' ħajja aħjar lir-residenti*

*Kapaċità ta' Infrastruttura – inkluz iżda mhux limitat għal:*
- *Toroq u traffiku*
- *Trasport pubbliku*
- *Provvista tal-elettriku*
- *Aċċess pedonali anke li jikkomodaw l-aċċess b'mod sostenibbli għad-djar residenzjali*
- *Aċċessibilta' għal persuni bi bżonnijiet partikolari*

*Servizzi Soċjali – inkluz iżda mhux limitat għal:*
- *Kura tas-saħħa*
- *Edukazzjoni*
- *Servizzi ta' emerġenza u sigurtà*

*Identita`- inkluz iżda mhux limitat għal:*
- *Sports*
- *Kultura u Wirt Storiku*
- *Tradizzjonijiet*

*Użu tal-Art u re-zoning;*
*Pjanijiet (inkluż iżda mhux limitat) għal sitwazzjonijiet ta' emergenza*

*Riżultati mistennija minn din il-mozzjoni:*
- *Linji gwida jew regolamenti dwar densità tal-bini;*
- *Proposti għal titjib infrastrutturali;*
- *Żoni ta' konservazzjoni ambjentali;*
- *Limitu massimu ta' residenti jew turisti;*
- *Użi sostenibbli tal-art li taqa' taħt id-domiċilju tal-kunsill lokali.*

*Fil-Prattika:*
*Tali studji għandhom jsiru minn esperti fil-qasam, awtoritajiet governattivi li jgawdu r-rispett u stima soċjali, qabel ma jsiru proġetti ta' żvilupp kbar, ippjanar ta' bliet jew ippjanar tat-turiżmu, sabiex jiġi evitat tkabbir li mhux sostenibbli u tiġi żgurata l-kwalità tal-ħajja fit-tul.*

*It-triq 'il Quddiem:*
*Dawn l-istudji għandhom jiġu ffinanzjati mill-Gvern Ċentrali jew mill-Awtorita' tal-Ippjanar permezz ta' fondi nazzjonali u LI MA JITTIEĦDUX MILL-FONDI TAL-ISTESS KUNSILL LOKALI DIRETTAMENT/INDIRETTAMENT.*

*Ukoll, il-Kunsill Lokali ta' Is-Siġġiewi għandu jiddeċiedi dwar kwalunkwe responsabbiltà jew deċiżjoni relatata mat-twettiq ta' dan l-istudju.*

Is-Sindku ta spjega tal-Mozzjoni u l-iskop tagħha u talab li jkun hemm diskussjoni.

Il-Kunsillier Albert Pace staqsa x'ser jiġri wara li jsir l-istudju dwar il-'population capacity'. X'jiġri meta il-capacity tintlaħaq?

Il-Kunsillier Dominic Grech staqsa jekk kienx hemm stima għal dan l-istudju. Hu qal li dan huwa piż finanzjarju kbir li qed jintefa' fuq il-gvern u li ma jistax isir għal lokalita' partikolari.

Is-Sindku qal li l-ispiża tkun skond l-intensita' tal-istudju. Minkejja dan, hu qal li dan l-istudju huwa importanti, għal kull lokalita' biex ikun jista' jsir pjanar.

Is-Sindku talab votazzjoni għall-mozzjoni kif preżentata.
Il-Kunsill ivvota favur unanimament.

**474.8** **Festa San Nikola 2025**

**474.8.1** Is-Sindku beda billi rringrazja l-għaqdiet u l-volontarji tal-koperazzjoni biex il-festa setgħet tkun suċċess. Il-Kunsillier Charles Vassallo rringrazja b'mod speċjali lill-ħaddiema kollha nvoluti, l-istaff amministattiv tal-Kunsill għall-koordinament, lill-ħaddiema kollha involuti fil-loġistika tal-armar, sigurta' u tindif. Hu qal li kien hemm koperazzjoni sħiħa mill-istabbilimenti għal tindif kemm waqt u anka wara l-attivita', fejn it-tindif sar mill-ħaddiema tal-Cleansing Department koordinati mill-kuntrattur tal-kunsill. Is-servizz mogħti kien tajjeb ħafna. Is-Sindku qal li għall-ewwel darba kien hemm ambulanza fuq il-post fejn anka ġew assistiti xi inċidenti żgħar. Il-Kunsillier Charles Vassallo qal li l-istaff tar-Red Cross kienu professjonali mmens u kkumplimentaw din l-inizjattiva.

**474.9** **Għar Lapsi**

Is-Sindku talab lill-Kunsillier Albert Pace jispjega.

Il-Kunsillier Pace qal li kif diġa infurma qed isegwi mad-Dipartimenti dwar sigurta' u l-proġett tal-mall biex jibda malli jispiċċa s-sajf. Hu qal li twaħħlu l-bankijiet ġodda mid-Dipartiment tat-Turiżmu u talab oħrajn biex jitbiddlu dawk imkissrin ta' fuq. Huwa wera tħassib fuq il-periklu ta' vetturi li qed jinżlu isfel ħdejn il-bajja waqt li jkun hemm in-nies u qal li qed nistenenw xi incident. Il-Kunsillier Pace semma wkoll diversi inċidenti fejn persuni jniżżlu klieb mingħajr ċinga, u anka rigward ħmieġ tal-klieb. Hu semma wkoll il-problema tal-loqom tas-sigaretti. Is-Sindku propona li dan l-item jerġa jitniżżel fuq l-aġenda li jmiss.

**474.10** **Proċess għall-ingaġġ ta' Works Manager fuq bażi kuntrattwali**

Is-Sindku qal li s-servizz li kien qed jinxtara bi kwotazzjoni issa ttermina u bħalissa l-Kunsill m'għandux works manager. Hu qal li l-amministrazzjoni u l-accountant tal-kunsill qed jaraw x'budget hemm biex il-Kunsill jara kif inhu vjabbli li jsir l-ingaġġ jekk hux b'kuntratt definit jew b'kuntratt ta' mpjieg fuq siegħat ridotti. Hu qal li bħalissa dan ix-xogħol qed isir mill-Kunsilliera u l-amministrazzjoni. Is-Sindku talab li din l-item tkun fl-aġenda li jmiss.

**474.11** **Sitwazzjoni fi Triq Nikola Bonello**

Is-Sindku rrefera għall-korrispondenza mill-Housing Projects Solutions Ltd. Fejn talbu laqgħa fuq is-sit rigward is-sitwazzjoni fi Triq Nikola Bonello fejn qed isir żvilupp tal-binja tal-akkomodazzjoni soċjali. Is-Sindku spjega li fil-laqgħa l-Perit tal-proġett qal li waqt il-ħidma ta' skavar fuq is-sit ta' kostruzzjoni ġew osservati fessuri fil-blat li qajmu tħassib li dawn jestendu għat-triq, liema triq tintuża wkoll mit-trasport pubbliku. Huma qed jitolbu li t-triq tingħalaq għal xahrejn sakemm isiru interventi neċessarji u tiġi żgurata s-sigurta'. Is-Sindku qal li bħala Kunsill ma jistax iżomm li jsir intervent ladarba ġie osservat periklu. Hu qed isegwi biex ikun hemm l-inqas inkonvenjent possibbli u koordinament mal-awtoritajiet konċernati.

**474.12** **Proposta għal One Way f'parti minn Triq Tan-Nofs**

Is-Sindku qal li fuq talba ġenerali ta' residenti, qed jiproponi li parti minn Triq tan-Nofs, fejn tidjieq issir one-way. Dan peress li vetturi qed jeħlu fejn tidjieq it-triq, minkejja li hemm diversi tabelli indikattivi, u wkoll ikun hemm vetturi li 'google' jidderiġihom minn hemm. Is-Sindku wera pjant, indikata l-post fejn qed jiproponi li titwaħħal it-tabella. Is-Sindku qal li dan l-arranġament kien temporanju għal żmien il-festa u ħadem sew. Il-Kunsill unanimament qabel li jsir dan l-arranġament. Ġie propost li tintbagħat ittra lir-residenti u nitolbuhom feedback b'data.

**474.13** **European Week of Sports – 'Local Councils Initiative'**

Is-Sindku talab lill-Kunsillier Christopher Farrugia, Kunsillier responsabbli mill-isport jispjega. Il-Kunsillier Farrugia qal li beda diskussjonijiet mar-Reġjun Punent għal din l-inizjattiva. Dettalji jkun jista' jgħaddihom 'il quddiem.

474.14 **Tiġdid tal-Polza ta' Assikurazzjoni**
Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat li l-polza ta' assikurazzjoni li tkopri l-binja tal-kunsill u public liability waslet biex tiskadi u talbet li tiġġedded għal sena oħra. Is-Sindku propona t-tiġdid. Il-Kunsill aċċetta.

474.15 **Tismija uffiċjali ta' Sqaq nru.1 u 2. Misraħ il-Vittmi tal-Gwerra**
Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv tispjega. Is-SE qalet li hemm żball fit-titlu u nfurmat li l-Kumitat Tismija tat-Toroq qed jinforma li t-triq bejn is-Siġġiewi u Ħaż Żebbuġ ġiet imsemmija uffiċjalment Triq il-Granmastri, bin-nomenklatura De Rohan u Hompesch u għalhekk it-talba tal-Kunsill bl-isem propost ma ġietx aċċettata.

Il-Kunsillier Dominic Grech ħareġ mil-laqgħa fit-8.34pm.

474.16 **Festa Għeneb 2025 – Preparamenti**
474.16.1 Is-Sindku qal li l-preparamenti mexjin tajjeb ħafna. Is-Sindku informa li għall-attivita' ta' din is-sena, hemm finanzjament approvat ta' €20 elf taħt l-iskema tal-Attivitajiet Kulturali, €5 elef għajnuna finanzjarja mill-Awtorita' tat-Turiżmu u bħalissa qed issir applikazzjoni taħt Skema 2 tal-Gal Majjistral, għal finanzjament ulterjuri ta' €25 elf biex ninċentivaw l-istrateġija tal-marketing tal-attivita' u tiġi introdotta inizjattiva innovattiva għal din is-sena biex l-attivita' tieħu xejra differenti u iktar vasta. Is-Sindku irringrazzja b'mod partikolari lis-Segretarju Eżekuttiv tal-ħidma tagħha biex dan ikun possibbli.

474.17 **Materji konnessi mal-Awtorita' tal-Ippjanar**
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat lista ta' applikazzjonijiet li daħlu mal-Awtorita' tal-Ippjanar biex isir xi tip ta' żvilupp fis-Siġġiewi.
Is-Sindku ddikjara konflitt f'applikazzjonijiet: Pa4058/22, PA1275/25, PA3715/25, PA3937/25, PA960/25 u RG657/25.

474.18.1 PA07598/21 Triq Burgabrun off, Triq l-Imqabba, Siggiewi – is-Sindku informa li saret rappreżentazzjoni mill-Kunsill Lokali.

474.18.2 PA3568/06 u PA7648/24 Ta' Brija Cemetery – is-Sindku talab li din tiġi diskussa f'Seduta oħra

474.18.3 PC/00033/18 (Revision of Local Plan) Un-Named, Triq Lazzru Pisani, Triq Bari, Triq Nikol Buhagiar, Siggiewi – is-Sindku spjega x'kien ġara tul iż-żmien fuq din l-applikazzjoni. Hu qal li l-planning board taw ċans sitt xhur għal proposta oħra fuq din l-applikazzjoni.

474.18.4 PA/00392/21 Conversion of disused quarry – Triq tal-Għaqba – Il-Kunsillier Albert Pace iddikjara konflitt u ħareġ mill-kamra. Is-Sindku qal li diġà kien hemm oġġezzjoni tal-Kunsill għal shooting range u propona li l-Kunsill iżomm l-istess pożizzjoni.

Il-Kunsillier Albert Pace ħareġ mill-laqgħa fit-8.20pm.

474.19 **Rapport tal-Korrispondenza**
Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat lista tal-korrispondenza mill-aħħar Seduta sal-lum.

474.20 **Rapport tal-ilmenti**
Is-Segretarju ppreżentat ir-rapport tal-ilmenti li l-Kunsill irċieva bejn l-aħħar Seduta u llum.

474.21 **Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**
Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat l-iskeda tal-pagamenti.
Is-Sindku propona l-approvazzjoni tal-pagamenti. Il-Kunsill unanimament approva.

**474.22** **Awditjar għeluq is-sena 2024 – Management Letter u reply to Management Letter**
Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv tispjega.
Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat kopja tal-Management Letter u r-risposti għaliha, liema dokument kienu diġà ġew ċċirkulati lill-Kunsilliera. Hija spjegat li issa l-proċess ta' awditjar għas-sena finanzjarja 2024 huwa komplut u magħluq. Is-Sindku propona l-approvazzjoni. Il-Kunsill unanimament approva.

**474.23** **Items oħra ta' xogħol ieħor li jkun meħtieġ**

**474.23.1** Is-Sindku preżenta ittra ta' ringrazzjament mill-Grupp tal-Armar fejn irringrazjaw lill-Kunsill tal-koordinament matul il-festa. Hu qal li dawn il-ġesti huma apprezzati.

**474.23.2** Il-Kunsillier Charles Vassallo rrefera għal-ilment riċevuti minn residenti li għandhom drive-way fis-servizz road ta' triq Mons Mikiel Azzopardi. Hu qal li peress li bħalissa għaddej ix-xogħol, u s-service road qegħda sservi ta' devjazzjoni u allura ma jistax isir parkeġġ, din l-issue tiġi diskussa 'l quddiem. Malli jitlesta x-xogħol talab li jsir refreshing tar-road markings.

**474.23.3** Il-Kunsilliera Francine Farrugia semmiet il-ħinijiet tat-tabelli tal-one way fi Triq il-Knisja l-Qadima minħabba l-mużew u qalet li ma jaqblux mal-ħinijiet tas-sajf. Is-Sindku qal li dik it-triq inkluża fil-proposta tat-traffiku mal-pjazza li bħalissa qegħda għand Transport Malta għall-approvazzjoni. Ladarba jiġi implimentat il-proġett it-triq tiġi one way.

**474.24** **Tmiem tal-laqgħa u aġġornament**
Il-laqgħa intemmet fit-8.55 ta' filgħaxija.
Is-Sindku propona li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 11 t'Awwissu 2025 fis-6.00 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum 11 t'Awwissu 2025

| | |
|---|---|
| Il-Perit Julian Borg | Ritienne Giorgino |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |